

Brussell, 2 ta' Ottubru 2019
(OR. en)

12705/19

Fajl Interistituzzjonali:
2019/0208 (NLE)

PECHE 422

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	1 ta' Ottubru 2019
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2019) 446 final
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-KUNSILL dwar l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd skont il-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania għal perjodu massimu ta' sena

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument COM(2019) 446 final.

Mehmuż: COM(2019) 446 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 1.10.2019
COM(2019) 446 final

2019/0208 (NLE)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

dwar l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd skont il-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania għal perjodu massimu ta' sena

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

Il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni Ewropea tinneozja, f'isem l-Unjoni Ewropea, it-tiġdid tal-Ftehim u tal-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania.

Sa ma jitlestew in-negozjati biex jiġġeddu l-Ftehim u l-Protokoll tiegħu, il-Kummissjoni nnegozjat, f'isem l-Unjoni Ewropea, Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri dwar l-estensjoni għal perjodu massimu ta' sena tal-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "l-iskambju ta' ittri"). L-iskambju ta' ittri ġie inizjalat fl-4 ta' Settembru 2019 wara li ntemmu dawn in-negozjati.

L-iskambju ta' ittri għandu l-għan li jippermetti lill-Unjoni Ewropea u lir-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania jkomplu jaħdmu bejniethom biex jippromwovu politika tas-sajd sostenibbli u l-użu responsabbli tar-riżorsi tas-sajd fl-ilmijiet tal-Mauritania u li jippermetti lill-bastimenti tal-Unjoni jwettqu l-attivitajiet tas-sajd tagħhom f'dawn l-ilmijiet.

Il-Protokoll jipprevedi opportunitajiet tas-sajd fil-kategoriji li ġejjin:

- il-kategorija nru 1 — Bastimenti tas-sajd li jistadu għall-krustaċji ħlief għall-awwista u għall-granċ: 5 000 tunnellata u 25 bastiment;
- il-kategorija nru 2 — Bastimenti tat-tkarkir mingħajr friża u bastimenti tas-sajd bil-konz tal-qiegħ għall-merluzz l-iswed: 6 000 tunnellata u sitt bastimenti;
- il-kategorija nru 2a — Bastimenti tat-tkarkir (mgħammra bi friża) użati għas-sajd għall-merluzz l-iswed: (merluzz iswed 3 500 tunnellata, klamar 1 450 tunnellata u siċċ 600 tunnellata);
- il-kategorija nru 3 — Bastimenti tas-sajd għall-ispeċijiet tal-ħut tal-qiegħ minbarra l-merluzz l-iswed, b'irkaptu ieħor mhux bix-xbieki tat-tkarkir: 3 000 tunnellata u sitt bastimenti;
- il-kategorija nru 4 — Bastimenti tas-sajd għat-tonn bit-tartaruni: 12 500 tunnellata (tunnellaġġ ta' referenza) u 25 bastiment;
- il-kategorija nru 5 — Bastimenti tas-sajd għat-tonn bil-qasba u bastimenti tas-sajd bil-konz: 7 500 tunnellata (tunnellaġġ ta' referenza) u 15-il bastiment;
- il-kategorija nru 6 — Bastimenti tat-tkarkir mgħammra bi friża użati għas-sajd għall-ħut pelaġiku: 225 000 tunnellata (li jistgħu jinqabżu b'ammont massimu ta' 10 %) u 19-il bastiment;
- il-kategorija nru 7 — Bastimenti tas-sajd għall-ħut pelaġiku frisk: 15 000 tunnellata (li jitnaqqsu mill-ammont tal-kategorija nru 6 jekk jintużaw) u żewġ bastimenti.

Għandu jiġi ddefinit il-metodu għall-allokazzjoni ta' dawn l-opportunitajiet tas-sajd fost l-Istati Membri. Abbażi ta' dan, il-Kummissjoni qed tipproponi li l-Kunsill jadotta l-proposta għal Regolament meħmuża.

2. RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

Saru konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati fil-kuntest tal-evalwazzjoni tal-Protokoll għall-2012 sal-2014. Saru konsultazzjonijiet ukoll mal-esperti mill-Istati Membri waqt laqgħat tekniċi. Minn dawn il-konsultazzjonijiet ħareġ li jkun ta' benefiċċju li jiġġedded il-Ftehim dwar is-Sajd mar-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania u li jiġi konkluż Protokoll tas-Sajd magħha.

3. ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-PROPOSTA

Il-bażi ġuridika magħżula hija t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li l-Artikolu 43(3) tiegħu jistabbilixxi li l-Kunsill, fuq proposta tal-Kummissjoni, għandu jadotta l-miżuri dwar l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd.

Din il-proċedura qed tinbeda b'mod parallel mal-proċeduri marbutin mad-Deċiżjonijiet tal-Kunsill li jawtorizzaw l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja kif ukoll il-konklużjoni tal-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri dwar l-estensjoni għal perjodu massimu ta' sena tal-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja.

4. IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

Il-kontribuzzjoni finanzjarja annwali hija ta' EUR 61 625 000 għal perjodu massimu ta' sena b'rabta mal-estensjoni, abbażi ta':

(a) qabdiet totali permissibbli ta' 259 550 tunnellata għall-kategoriji tas-sajd numru 1, 2, 2a, 3, 6¹ u 7 u tunnellaġġ ta' referenza ta' 20 000 tunnellata għall-kategoriji tas-sajd numru 4 u 5 tal-Protokoll, li jikkorrispondu għal ammont marbut mal-aċċess ta' EUR 57 500 000 fis-sena; u

(b) appoġġ għall-iżvilupp tal-politika settorjali tas-sajd tar-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania li jammonta għal EUR 4 125 000 fis-sena. Dan l-appoġġ jilħaq l-għanijiet tal-politika nazzjonali tas-sajd u, b'mod partikulari, il-ħtiġijiet tar-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania f'dak li għandu x'jaqsam mal-appoġġ għall-kooperazzjoni xjentifika u teknika, għat-taħriġ, għall-monitoraġġ tal-ħut, għall-ħarsien tal-ambjent u għall-iżvilupp tal-infrastruttura.

¹ Dan l-ammont jista' jinqabeż b'10 % mingħajr konsegwenzi għall-kontribuzzjoni finanzjarja mħallsa mill-Unjoni Ewropea b'rabta mal-aċċess.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

dwar l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd skont il-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania għal perjodu massimu ta' sena

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 43(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania¹ (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim"), li ġie approvat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1801/2006², daħal fis-seħħ fit-8 ta' Awwissu 2008. Il-Protokoll tiegħu li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Protokoll"), li daħal fis-seħħ fl-istess jum għal perjodu ta' sentejn, ġie sostitwit diversi drabi.
- (2) L-aħħar Protokoll tal-Ftehim se jiskadi fil-15 ta' Novembru 2019.
- (3) Sa ma jitlestew in-negozjati biex jiġġeddu l-Ftehim u l-Protokoll tiegħu, il-Kummissjoni nnegożjat, f'isem l-Unjoni Ewropea, Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri dwar l-estensjoni għal perjodu massimu ta' sena tal-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri").
- (3) Nhar il-..., il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2019/[...]³ dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri dwar l-estensjoni tal-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania li se jiskadi fil-15 ta' Novembru 2019.

¹ ĠU L 343, 8.12.2006, p. 4.

² Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1801/2006 tat-30 ta' Novembru 2006 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania (ĠU L 343, 8.12.2006, p. 1).

³ ĠU C , , p. .

- (4) Jenħtieġ li jiġi ddefinit il-metodu għall-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd fost l-Istati Membri għall-perjodu tal-applikazzjoni tal-estensjoni tal-Protokoll.
- (5) Skont l-Artikolu 47(2) tar-Regolament (UE) 2017/2403 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴, jekk ikun jidher li l-opportunitajiet tas-sajd allokat li lill-Unjoni skont il-Protokoll ma jkunux qed jintużaw għal kollox, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri kkonċernati b'dan. F'każ li ma tintbagħatx risposta fi żmien li għandu jiġi stabbilit mill-Kunsill, dan għandu jitqies bħala konferma li l-bastimenti tal-Istat Membru kkonċernat mhux qed jużaw għal kollox l-opportunitajiet tas-sajd tagħhom matul il-perjodu kkonċernat. Jenħtieġ li tiġi stabbilita din l-iskadenza.
- (6) Jenħtieġ li dan ir-Regolament jibda japplika mid-data tal-iffirmar tal-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. L-opportunitajiet tas-sajd stabbiliti fil-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania għall-perjodu ta' validità tal-Protokoll għandhom jitqassmu fost l-Istati Membri kif ġej:

- (a) il-kategorija nru 1 — Bastimenti tas-sajd li jistadu għall-krustaċji ħlief għall-awwista u għall-granċ:

Spanja	4 150 tonnellata;
l-Italja	600 tonnellata;
il-Portugall	250 tonnellata.

F'din il-kategorija, fi kwalunkwe waqt jista' jkun hemm għadd massimu ta' 25 bastiment fl-ilmijiet tal-Mauritania;

- (b) il-kategorija nru 2 — Bastimenti tat-tkarkir (mingħajr friża) u bastimenti tas-sajd bil-konz tal-qieġ għall-merluzz l-iswed:

Spanja	6 000 tonnellata.
--------	-------------------

F'din il-kategorija, fi kwalunkwe waqt jista' jkun hemm għadd massimu ta' sitt bastimenti fl-ilmijiet tal-Mauritania;

- (c) il-kategorija nru 3 — Bastimenti tas-sajd għall-ispeċijiet tal-ħut tal-qieġ minbarra l-merluzz l-iswed, b'irkaptu ieħor mhux bix-xbieki tat-tkarkir:

Spanja	3 000 tonnellata.
--------	-------------------

⁴ ĠU L 347, 28.12.2017, p. 81.

F'din il-kategorija, fi kwalunkwe waqt jista' jkun hemm għadd massimu ta' sitt bastimenti fl-ilmijiet tal-Mauritania;

- (d) il-kategorija nru 4 — Bastimenti tas-sajd għat-tonn bit-tartaruni (12 500 tunnellata — tunnellaġġ ta' referenza):

Spanja	17-il liċenzja annwali;
Franza	tmien liċenzji annwali;

- (e) il-kategorija nru 5 — Bastimenti tas-sajd għat-tonn bil-qasba u bastimenti tas-sajd bil-konz (7 500 tunnellata — tunnellaġġ ta' referenza):

Spanja	14-il liċenzja annwali;
Franza	liċenzja annwali waħda;

- (f) il-kategorija nru 6 — Bastimenti tat-tkarkir mġhammra bi friża użati għas-sajd għall-ħut pelaġiku:

il-Ġermanja	12 560 tunnellata;
Franza	2 615-il tunnellata;
il-Latvja	53 913-il tunnellata;
il-Litwanja	57 642 tunnellata;
in-Netherlands	62 592 tunnellata;
il-Polonja	26 112-il tunnellata;
ir-Renju Unit	8 531 tunnellata;
l-Irlanda	8 535 tunnellata.

Matul il-perjodu ta' validità tal-Protokoll, l-Istati Membri għandu jkollhom l-għadd ta' liċenzji ta' tliet xhur li ġej:

il-Ġermanja	4;
Franza	2;
il-Latvja	20;
il-Litwanja	22;
in-Netherlands	16;
il-Polonja	8;
ir-Renju Unit	2;
l-Irlanda	2.

L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni jekk ċerti liċenzji jkunu jistgħu jitqiegħdu għad-dispożizzjoni ta' Stati Membri oħrajn.

F'din il-kategorija, fi kwalunkwe waqt jista' jkun hemm għadd massimu ta' 19-il bastiment fl-ilmijiet tal-Mauritania;

- (g) il-kategorija nru 7 — Bastimenti tas-sajd għall-ħut pelaġiku frisk:

l-Irlanda	15 000 tunnellata.
-----------	--------------------

F'każ li ma jintużawx, dawn l-opportunitajiet tas-sajd għandhom jiġu ttrasferiti għall-kategorija nru 6 skont il-metodu għall-allokazzjoni ta' dik il-kategorija;

- (h) il-kategorija nru 2a — Bastimenti tat-tkarkir (mgħammra bi friża) użati għas-sajd għall-merluzz l-iswed:

Spanja:

merluzz iswed	3 500 tonnellata;
klamar	1 450 tonnellata;
siċċ	600 tonnellata.

F'din il-kategorija, fi kwalunkwe waqt jista' jkun hemm għadd massimu ta' sitt bastimenti fl-ilmijiet tal-Mauritania.

2. Id-data sa meta l-Istati Membri għandhom jikkonfermaw li mhumiex qed jużaw bis-siġh l-opportunitajiet tas-sajd li jkunu ngħatawllhom skont il-Ftehim, kif imsemmi fl-Artikolu 47(2) tar-Regolament (UE) 2017/2403, għandha tkun ta' għaxart ijiem tax-xogħol minn meta l-Kummissjoni tgħarrafhom li l-opportunitajiet tas-sajd mhumiex qed jintużaw għal kollox.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu japplika mid-data tal-iffirmar tal-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania dwar l-estensjoni tal-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania, li se jiskadi fil-15 ta' Novembru 2019.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President